MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**BONNICI JOSEPH**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1855/2002

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra.**

**vs**

**Danbal Caterers Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm76.88c (sitta u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) in konnesjoni mal-licenzja Numru 010772 (Dok "A") rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment RISTORANTE TIMEO, Marsascala ghall-perjodu mis-6 ta' Jannar, 2002 sal-5 ta' Jannar, 2003.

Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-

Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta''Marzu, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' lill-Pl Josette Attard tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm76.88c (sitta u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) in konnesjoni mal-licenzja Numru 010772.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**